

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Għal Talbiet Żgħar](#) > [Slovenja](#)

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura għal Talbiet Żgħar

Il-kontenut ipprovdut minn Slovenja



Slovenja

Introduzzjoni

It-tariffi tal-qorti applikabbli fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar huma elenkati fl-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti tas-Slovenja (*Zakon o sodnih taksah - ZST*) (*Uradni list RS* (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja) Nri 37/08, 97/10, 63/13, [58/14](#) - id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, [19/15](#) - id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, 30/16 u 10/17-ZPP-E (l-Att li jemenda l-Att dwar il-Proċedura Ċivili); minn hawn 'il quddiem imsejjaħ: iż-ZST-1), li huwa l-liġi ġenerali dwar it-tariffi tal-qorti.

Iż-ZST-1 (l-Artikolu 6) jipprovdi bażi ġuridika għall-ħlas tat-tariffi tal-qorti permezz ta' flus kontanti, flus elettroniċi u mezzi oħra validi ta' ħlas, li japplikaw ukoll għall-ħlas tat-tariffi skont il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Fil-prattika, it-tariffi tal-qorti jistgħu jitħallsu elettronikament permezz tas-servizzi ta' ħlas online ta' banek individwali. Il-kawżi li għalihom it-tariffi tal-qorti jridu jitħallsu fi proċeduri għal talbiet żgħar, u l-konsegwenzi meta dawn ma jitħallsux, huma stabbiliti fl-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o pravdnem postopku - ZPP*).

X'inhuma t-tariffi applikabbli?

Skont il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, iridu jitħallsu tariffi tal-qorti għall-preżentata ta' azzjonijiet, kontrotalbiet, rikorsi għal reviżjoni, rikorsi li jkun fihom avviż ta' appell, u appelli (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 105a taż-ZPP). Il-persuna responsabbli biex tħallas dawn it-tariffi tal-qorti hija l-parti li tippreżenta r-rikors (l-Artikolu 105a taż-ZPP, l-Artikolu 6(1) taż-ZST-1).

F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema (*Vrhovno sodišče*) tas-Slovenja, ma humiex permessi rieżamijiet ta' talbiet żgħar u dawn lanqas ma jistgħu jiġu permessi mill-Qorti Suprema. Jekk madankollu parti tapplika għal tali rimedju legali, ikollha tħallas it-tariffa tal-qorti għal dak ir-rimedju.

Kemm għandi nħallas?

L-ammont tat-tariffa tal-qorti taħt il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar li l-pretendent għandu jħallas meta jiġi ppreżentat ir-rikors għall-ftuħ tal-proċeduri fil-qorti jiddependi fuq il-valur tal-pretensjoni:

- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa inqas minn EUR 300, it-tariffa hija ta' EUR 54,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 301 u EUR 600, it-tariffa hija ta' EUR 78,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 601 u EUR 900, it-tariffa hija ta' EUR 102,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 901 u EUR 1 200, it-tariffa hija ta' EUR 126,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 1 201 u EUR 1 500, it-tariffa hija ta' EUR 150,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 1 501 u EUR 2 000, it-tariffa hija ta' EUR 165,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 2 001 u EUR 2 500, it-tariffa hija ta' EUR 180,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 2 501 u EUR 3 000, it-tariffa hija ta' EUR 195,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 3 001 u EUR 3 500, it-tariffa hija ta' EUR 210,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 3 501 u EUR 4 000, it-tariffa hija ta' EUR 225,
- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 4 001 u EUR 4 500, it-tariffa hija ta' EUR 240,

- jekk il-valur tal-pretensjoni huwa bejn EUR 4 501 u EUR 5 000, it-tariffa hija ta' EUR 255.

Iż-ZST-1 jistabbilixxi wkoll l-ammont tat-tariffa tal-qorti għal pretensjonijiet ta' valur ogħla, sa EUR 500 000 skont il-verzjoni kurrenti tal-anness tal-att, u huwa meħtieġ li titqies it-Tariffa ta' drittijiet, li tagħti kwozjent għall-kalkolu tat-tariffa għad-diversi tipi ta' proċedura.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

It-tariffi tal-qorti jridu jiġihallu sa mhux aktar tard minn skadenza ddeterminata mill-qorti fl-ordni ta' ħlas għall-ħlas tat-tariffi tal-qorti. Fl-ordni, il-qorti tinforma lill-parti dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tal-qorti skont l-Artikolu 105a, it-tielet paragrafu (l-Artikolu 105a, it-tieni paragrafu, taż-ZPP).

Jekk it-tariffa tal-qorti ma titħallasx fil-ħin u l-kundizzjonijiet għal eżenzjoni, differiment jew pagament rateali tat-tariffa tal-qorti ma jiġux issodisfati, ir-rikors (eż. azzjoni) jitqies li ġie ritirat (l-Artikolu 105a, it-tielet paragrafu, taż-ZPP).

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

Iż-ZST-1 (l-Artikolu 6) jipprovdi bażi ġuridika għall-ħlas tat-tariffi tal-qorti permezz ta' flus kontanti, flus elettroniċi u mezzi oħra validi ta' ħlas, li japplikaw ukoll għall-ħlas tat-tariffi skont il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

Fil-prattika, it-tariffi tal-qorti jistgħu jiġihallu elettronikament permezz tas-servizzi ta' ħlas online ta' banek individwali, jew jistgħu jiġihallu direttament permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament jew il-kaxxier tal-qorti (billi jintużaw flus kontanti jew terminal POS).

Kull bank għandu s-servizz ta' ħlas online tiegħu biex isiru l-pagamenti elettroniċi.

Il-persuna responsabbli tista' tħallas it-tariffa tal-qorti bil-quddiem, jiġifieri meta jiġi ppreżentat ir-rikors għall-ftuħ tal-proċedimenti fil-qorti, jew tista' tippreżenta r-rikors fil-qorti u tistenna lill-qorti tibgħatilha ordni ta' ħlas bl-ammont applikabbli u d-data l-oħra kollha meħtieġa biex isir il-ħlas.

X'għandi nagħmel wara l-ħlas?

Jekk mal-ħlas tat-tariffa tal-qorti jiġi indikat in-numru ta' referenza xieraq (li jiġi kkomunikat lill-persuna responsabbli mill-qorti fl-ordni ta' ħlas), ma hemmx bżonn li l-persuna responsabbli tipprovdi evidenza ta' ħlas lill-qorti. F'tali każijiet, il-qorti tiġi mgħarrfa dwar il-ħlas permezz ta' sistema bankarja elektronika speċjali (UJNet), li fiha n-numru ta' referenza korrett huwa deċiżiv biex jiġu rikonoxxuti ħlasijiet individwali.

Madankollu, jekk it-tariffa tal-qorti titħallas mingħajr ma jiġi indikat in-numru ta' referenza xieraq, il-persuna responsabbli jeħtieġilha tippreżenta evidenza ta' ħlas lill-qorti. M'hemm l-ebda kundizzjoni formali speċjali dwar il-validità ta' tali evidenza. Abbażi ta' tali evidenza, jekk ikun meħtieġ, il-qorti tivverifika l-ħlas tat-tariffa tal-qorti fuq il-pjattaforma tal-UJNet (speċjalment meta t-tariffa tal-qorti ma titħallasx għand il-kaxxier tal-qorti).

L-aħħar aġġornament: 12/06/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.